KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 31** **IS-SITT KUNSILL**

Il-wieħed u tletin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa **9 ta' Marzu, 2011** fil-5.45 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-Assistant Principal Stefania Friggieri.

**SKUŻATI**

Il-kunsilliera Marianne Aquilina (minhabba ragunijiet personali), Nikki Dimech (minhabba ragunijiet personali) u Julian Galea (minhabba ragunijiet personali).

Is-Sindku ppresediet.

**31.2. Attendenza tal-Kunsilliera**

31.2.1 Is-Sindku ressqet ghad-diskussjoni korrispondenza li l-Kunsill rcieva mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' attendenza għal-laqgħat.

31.2.2. Il-Kunsill iddiskuta l-attendenza ghal-laqghat tal-Kunsilliera Martin Debono, Nikki Dimech u Nicolai Gauci ma' ġewx għal numru ta' seduti

31.2.3 Is-Sindku qalet li bir-riforma fil-ligi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsilliera jridu jaghtu raguni valida bil-miktub meta dawn ma jkunux jistghu jattendu ghall-laqghat tal-Kunsill u li din tigi diskussi waqt il-laqgha tal-Kunsill ghall-approvazzjoni tieghu.

31.2.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li r-ragunijet jitnizzlu fil-minuti wara li dawn ikunu diskussi mill-Kunsill.

31.2.3.2 Is-Sindku qalet li l-amministrazzjoni baghtet diversi *emails* biex tfakkar lill-Kunsilliera li ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv meta ma jkunux jistghu jattendu ghal-laqghat.

31.2.4 Il-Kunsillier N. Gauci qal li l-laqgħa li kellu mad-Direttur Generali ma kienx ġie infurmat li jekk laqgħa ~~tkun kontinwazzjoni~~ minn laqgħa għall-oħra (jiġifieri tkun l-istess seduta) l-attendenza tkun immarkata għal kull seduta.

31.2.5 Meta mistoqsija dwar liema laqghat qed jigu kkontestati mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv wiegbet li d-Dipartiment talab li jkun jaf ukoll dwar l-attendenza tas-seduta li ma setgħux isiru minħabba nuqqas ta' kworum.

31.2.6 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerixxa li din l-*issue* titressaq quddiem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

31.2.7 Il-Kunsill iddiskuta n-nuqqas ta' attendenza ghal-laqghat tal-Kunsill tal-Kunsillier N. Gauci fid-19 ta' Novembru 2010, fis-26 ta' Novembru 2010, fis-7 ta' Diċembru 2010 u fl-10 ta' Diċembru 2010, u fis-27 ta' Jannar 2011.

31.2.8 Il-Kunsillier N. Gauci qal li fid-10 u d-19 ta' Novembru, 2010 ~~it-tifel tieghu kien ma jiflahx u kellu jittiehed l-isptar ghal xi medikazzjoni u ghalhekk ma setax jattendi~~, waqt li fis-26 ta' Novembru, 2010 hu kien ma jiflaħx. Il-Kunsillier N. Gauci qal li fis-7 ta' Diċembru, 2010 kellu appuntament l-isptar, waqt li fl-10 ta' Diċembru, 2010 kellu laqgħa oħra.

31.2.9 Il-Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jaċċetta dawn ir-raġunijiet bħala validi. Is-Sindku ssekondat. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci u M. Debono ivvutaw favur.

31.2.10 Il-Kunsillier N. Gauci staqsa jekk jistax jigi rifondut id-differenza tal-*allowance* tal-Kunsilliera li kienu ġew imnaqqsa.

31.2.11 Il-Kunsill iddiskuta n-nuqqas ta' attendenza ghal-laqghat tal-Kunsill tal-Kunsillier M. Debono fid-19 ta' Novembru 2010, fis-26 ta' Novembru 2010, fis-27 ta' Jannar 2011 u fl-4 ta' Frar 2011.

31.2.12 Il-Kunsillier M. Debono qal li ma jiftakarx ezatt x'kienu r-raġunijiet imma li la ma attendiex kellu raguni valida. Il-Kunsillier M. Debono qal li se jibgħat *email* lill-kunsill bir-ragunijiet minhabba li ma jiftakarx x'kienu r-ragunijiet.

31.2.13 Il-Kunsill iddiskuta n-nuqqas ta' attendenza ghal-laqghat tal-Kunsill tal-Kunsillier N. Dimech.

31.2.13.1 Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill ċertifikat mediku mibghut lill-Kunsill mill-Kunsillier Dimech.

31.2.13.2 Is-Sindku pproponiet li dan ċ-ċertifikat għandu jiġi aċċettat. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono u N. Gauci ivvuotaw favur.

31.2.14 Is-Sindku ressqet ghal attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsilliera M. Aquilina u J. Galea infurmaw li ma setghux jattendu minhabba ragunijiet personali, waqt li l-Kunsillier N. Dimech ipprezenta c-certifikat.

31.2.14.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn il-Kunsilliera ghandhom jitnizzlu bhala skuzati.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Is-Sindku ressqet ghad-diskussjoni l-minuti pendenti mis-seduti precedenti.

2.1a Il-Kunsillier M. Debono qal li l-minuti għandhom jinqraw waqt is-seduta.
2.1b Is-Sindku qalet li l-minuti kienu ilhom li ntbagħtu mill-15 ta' Novembru 2010 u [illegible]. Is-Sindku qalet li l-Kunsilliera kellhom biżżejjed żmien biex jaqraw dawn il-minuti u l-irrapport tal-kunsill ma kienx qed isir biex jinqraw il-minuti waqt is-seduta paġna paġna. U dan għandu jkun. Is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv qed jaqra mil-liġi li jekk il-minuti jkunu ntbagħtu [illegible] qabel dawn jiġu meħuda bħala moqrija u l-irrapport għandhom isiru biex isiru emendi u jsegwi [illegible] tal-kunsill.

*Il-Kunsillier P. Pace daħal għas-seduta fis-6.15 ta' filgħaxija.*

2.2. Il-minuti kollha ġew meħuda bħala moqrija.

2.3 <u>**Minuti numru 24 tas-17 ta' Novembru, 2010**</u>

2.3.1 Il-Viċi Sindku ressaq emenda ghal punt numru 24.7.10 biex il-kelma 'tlitt' tithassar u minfloka titnizzel il-kelma 'zewg'.

2.3.2 Is-Sindku ipproponiet li l-minuti jiġu approvati b'din l-emenda. Il-Viċi Sindku issekonda.

2.3.2.1 Il-Kunsilliera S. Camilleri, N. Gauci u E. Cuschieri ivvutaw favur.

2.3.2.2 Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra għax qal li peress li dawn ilhom ħafna xhur ma jiftakarx x'ġara f'din is-seduta.

2.3.2.3 Il-Kunsillier Y. Cali astjena u qal li jrid jikkwalifika l-vot tieghu ghaliex ma jiftakarx x'kien intqal fis-seduta.

2.3.2.4 Il-Kunsillier P. Pace astjena u qal li jrid jikkwalifika l-vot tieghu ghaliex ma kienx preżenti ghal din is-seduta.

2.3.2.5 Il-minuti gew approvati b'hames voti favur.

2.4 **<u>Minuti numru 24 kont 1 tad-19 ta' Novembru, 2010</u>**

2.4.1 Il-Kunsillier M. Debono ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda.

2.4.1.2 Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat favur.

2.4.1.3 Is-Sindku u l-Viċi Sindku ivvotaw kontra u qalu li qed jivvotaw kontra minħabba li fil-bidu tas-seduta il-Kunsillier M. Debono ma tax ir-raġunijiet ghan-nuqqas ta' attendenza ghal din is-seduta.

2.4.1.4 Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace astjenew.

2.4.1.5 L-emenda giet approvata bi tliet voti favur.

2.4.2 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsillier M. Debono issekonda.

2.4.2.1 Is-Sindku u l-Viċi Sindku astjenew.

2.4.2.2 Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur.

2.4.3 Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali u E. Cuschieri ivvutaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew.

2.4.3.1 Il-minuti gew approvati b'hames voti favur.

2.5 **<u>Minuti numru 24 kont. 2 tas-26 ta' Novembru, 2010</u>**

2.5.1 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsiller M. Debono issekonda.

2.5.1.1 Is-Sindku u l-Viċi Sindku astjenew.

2.5.1.2 Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur.

2.5.2 Il-Kunsillier M. Debono ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda.

2.5.2.1 Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat favur.

2.5.2.2 Is-Sindku u l-Viċi Sindku ivvotaw kontra u qalu li qed jivvotaw kontra minħabba li fil-bidu tas-seduta il-Kunsillier M. Debono ma tax ir-raġunijiet ghan-nuqqas ta' attendenza ghal din is-seduta.

2.5.2.3 Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace astjenew.

2.5.2.4 L-emenda giet approvata bi tliet voti favur.

2.5.3 Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew.

2.5.3.1 Il-minuti gew approvati b'hames voti favur.

2.6 **Minuti numru 25Ad hoc tas-26 ta' Novembru, 2010**

2.6.1 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsillier M. Debono issekonda.

2.6.1.1 Is-Sindku u l-Viċi Sindku astjenew.

2.6.1.2 Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur.

2.6.2 Il-Kunsillier M. Debono ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda.

2.6.2.1 Il-Kunsillier S. Camilleri vvutat favur.

2.6.2.2 Is-Sindku u l-Viċi Sindku ivvotaw kontra u qalu li qed jivvotaw kontra minħabba li fil-bidu tas-seduta il-Kunsillier M. Debono ma tax ir-raġunijiet ghan-nuqqas ta' attendenza ghal din is-seduta.

2.6.2.3 Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace astjenew.

2.6.2.4 L-emenda giet approvata bi tliet voti favur.

2.6.3 Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew.

2.6.3.1 Il-minuti gew approvati b'hames voti favur.

2.7. **Minuti numru 25Ad hoc tat-30 ta' Novembru, 2010**

2.7.1 Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci u P. Pace ivvutaw favur.

2.7.1.1 Il-Kunsilliera M. Debono u Y. Cali astjenew. Il-Kunsillier M. Debono qal li jixtieq jikkwalifika l-vot tieghu u qal li qed jastjeni ghax ma jiftakarx x'gie diskuss waqt din il-laqgha.

2.7.1.2 Il-minuti gew approvati b'hames voti favur.

2.8 **<u>Minuti numru 25aAd hoc tas-7 ta' Diċembru, 2010</u>**

2.8.1 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsillier M. Debono issekonda.

2.8.1.1 Is-Sindku u l-Viċi Sindku astjenew.

2.8.1.2 Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur.

2.8.2 Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il- Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew.

2.8.2.1 Il-minuti gew approvati b'hames voti favur.

2.9 **<u>Minuti numru 24 kont. 3 ta' l-10 ta' Diċembru, 2010</u>**

2.9.1 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti. Il-Kunsillier M. Debono issekonda.

2.9.1.1 Is-Sindku u l-Viċi Sindku astjenew.

2.9.1.2 Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur.

***Il-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace ġew skużati li joħorġu mis-seduta fis-7.05 ta' filghaxija***

2.9.2 Il-Viċi Sindku ippropona li ssir emenda ghal punt 24.10.7 fejn qal li l-kliem 'jitpoggew mobile cameras f'din it-triq kif ukoll ghandu verifikat il-ligi x'ghid dwar l-uzu ta' dawn il-cameras' ghandhom jithassru u minflok jitpogga l-kliem 'jintroduci n-neighbourhood watch. Saret diskussjoni. Il-membri li kienu fil-Kunsill ta' qabel qalu li din ma hadmitx qabel. Il-Kunsillier Y. Cali ippropona li jitpoggew mobile cameras. Il-Vici Sindku qabel mal-proposta u zied li ghandu jkun verifikat fil-ligi.' Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Il-Kunsilliera S. Camilleri u E. Cuschieri ivvutaw favur. Is-Sindku u l-Kunsillier M. Debono astjenew.

2.9.3 Is-Sindku J. Gonzi ipproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali u E. Cuschieri ivvotaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri u M. Debono astjenew.

2.9.3.1 Il-minuti gew approvati b'erba voti favur.

***Il-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace daħlu lura għas-seduta fis-7.10 ta' filgħaxija***

2.10 **<u>Minuti 24 kont. 4 tal-14 ta' Diċembru, 2010</u>**

2.10.1 Is-Sindku J. Gonzi ipproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier N. Gauci ivvota kontra u qal li jrid jikkwalifika l-vot tiegħu u qal li qed jivvota kontra għaliex dak in-nhar ma tmexxietx skont l-Agenda. Il-Kunsilliera Y. Cali u M. Debono astjenew.

2.10.1.1 Il-minuti gew approvati b'hames voti favur.

2.11 **<u>Minuti 24 kont. 5 tat-13 ta' Jannar, 2011</u>**

2.11.1 Il-Kunsillier P. Pace ressaq emenda ghal minuti biex jitniżżel bħala skużat u mhux assenti minħabba raġuni li l-Kunsill diga infurmat dwarha. Il-Viċi Sindku ssekonda. Is-Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono u N. Gauci ivvutaw favur.

2.11.2 Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera E. Cuschieri u N. Gauci ivvutaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, M. Debono u P. Pace astjenew. Il-Kunsillier P. Pace qal li jrid jikkwalifika l-vot tiegħu u qal li qed jastjeni għaliex dak in-nhar ma kienx prezenti ghas-seduta.

2.11.2.1 Il-minuti gew approvati b'erba' voti favur.

2.12 **<u>Minuti 22 Ad hoc tat-26 ta' Ottubru, 2010</u>**

2.12.1 Il-Kunsillier M. Debono ressaq emenda ghal punt 1.6 għaliex hu qal li hu kien għamel *point of order* u ma tniżżlitx ir-risposta li tatu s-Sindku.

2.12.1a Il-Kunsillier Debono qal li qed jistaqsi jekk il-kuntratt [illegible] Green MT li gie ffirmat mal-Kunsill ([illegible] Settembru 2010) [illegible]

2.12.1.1 Is-Sindku qalet li hi ma kinitx tat risposta ghal punt imqajjem mill-Kunsillier Debono ghar-raguni li s-seduta tas-26 ta' Ottubru 2010 saret biex jigi diskuss biss ir-rendikont finanzjarju u l-ebda materja ohra. Is-Sindku rreferiet ghal punt 1.2 tal-istess minuti fejn sahqet li din il-laqgha kienet qed issir biex jigi diskuss r-rendikont finanzjarju.

2.12.1.2 Ma ttieħed l-ebda vot.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri ġie skużat li joħroġ ftit mis-seduta fis-7.30 ta' filgħaxija***

2.12.2 Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera S. Camilleri, Y. Cali, N. Gauci u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono ivvota kontra għaliex qal li dawn il-minuti ilhom hafna u ma jiftakarx x'intqal.

2.12.2.1 Il-minuti gew approvati b'sitt voti favur.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri daħal lura għas-seduta fis-7.32 ta' filgħaxija***

2.13 Is-Sindku pproponiet li l-agenda tas-seduta 32 li kienet mgħajta ghad-9 ta' Marzu tiġi trasferita għas-6 ta' April, 2011 fil-5.30 ta' filghaxija. Il-Vici Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera preżenti.

***Is-Sindku J. Gonzi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-7.35 ta' filgħaxija.***

Il-Viċi Sindku kompla jippresjiedi s-seduta.

**Materji konnessi mal-minuti**

31.a. Il-Kunsillier S. Camilleri rreferiet għas-seduta numru 24 tas-17 ta' Novembru, 2010 fejn staqsiet dwar ir-*reserved parking* fi Triq Gino Muscat Azzopardi.

31.a.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ntbagħtet korrispondenza dwar dan lit-Transport Malta.

31.b Il-Kunsillier P. Pace staqsa dwar il-proposta biex il-Kunsill joggezzjona ghall-izvilupp ta' Villa Degiorgio.

31.b.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ntbagħtet korrispondenza dwar dan lill-MEPA.

31.c. Il-Viċi Sindku staqsa dwar iż-żewġ devoluzzjonijiet li l-Kunsill kellu japplika ghalihom.

31.c.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill qed jistenna risposti dwar varji korrispondenza mid-Dipartiment tal-Artijiet, mid-Dipartiment Gvern Lokali kif ukoll mill-Perit.

31.d. Il-Kunsilliera S. Camilleri staqsiet dwar il-monti li jarma fi Pjazza Annunzjata u dwar id-diskussjoni fil-Kunsill biex jitnaqqsu l-ispazji ghall-bejjiegha tal-imnut.

31.d.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ntbaghtet korrispondenza dwar dan lid-Diviżjoni tal-Kummerc iżda li ghada ma inghatat l-ebda risposta mill-istess Diviżjoni.

31.e. Il-Viċi Sindku staqsa dwar punt 24.7.18.1 fil-minuti tad-19 ta' Novembru 2010.

31.e.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill għad irid jirċievi l-pjanti mill-Perit tal-Kunsill.

31.f. Il-Kunsillier S. Camilleri staqsiet dwar punt 24.7.23 fil-minuti tas-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2010 dwar talba għall-*Communal Blue Sticker Badge Holders only parking* fi Triq Katidral.

31.f.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill għad irid jirċievi risposta mit-Transport Malta.

31.g. Il-Kunsillier S. Camilleri staqsiet jekk l-Astra Hotel ingħatatx il-permessi għal loading/unloading. Is-

31.g.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill għad irid jirċievi risposta mit-Transport Malta.

*Il-Kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-7.45 ta' filgħaxija.*

**Is-seduta ntemmet fit-7.50 ta' filgħaxija.**

**Il-Kunsill aggorna għal nhar l-Erbgħa 6 ta' April, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum L-Erbgħa ........ 6 ........ ta' April ........ 2011.
(jum) (data) (xahar)